- *MANTENIMENT –*
- *TRANZAZZJONI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Gunju 2002**

**Kawza Numru: 72**
**Citazzjoni Numru: 120/01/RCP**

**Susan Pace**

**vs**

**Publius Pace**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet kienu zzewgu fis-16 ta' Dicembru 1989 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li jisimhom Chantel ta' ghaxar snin u Shaun ta' tmien snin;

Illi l-partijiet kienu sseparaw u dan b'rizultat tal-kuntratt ta' separazzjoni datata hmistax (15) ta' April 1997 quddiem in-Nutar Bartolomeo Micallef;

Illi dak iz-zmien l-esponenti kienet qeghda tahdem u ghalhekk ma kienx hemm il-bzonn li jigi stabbilit manteniment ghat-tfal u ghal-esponenti stess;

Illi dak iz-zmien ukoll il-konvenut ma kienx qieghed jahdem u ghalhekk ma setax jipprovdi manteminent;

Illi prezenzjalment il-konvenut qieghed jahdem u jaqla' l-flus waqt li l-esponenti ma ghandhiex ebda introjtu u ghalhekk ma tistax tmantni t-tfal.

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi li l-konvenut ghandu jaghti manteniment kemm lil martu kif ukoll lill-ulied;

2. Tordna li jinhareg manteniment xieraq kemm ghal martu kif ukoll ghal uliedu minorenni;

3. Tordna li dan ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attrici datat 25 ta' Jannar 2001 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tinnominaha bhala kuratrici *ad litem* ta' wliedha minuri Chantelle u Shaun u Michael.

Rat ir-risposta tal-konvenut tat-8 ta' Marzu 2001.

Rat li minkejja li gie notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-appuntament tas-smiegh tal-kawza l-konvenut baqa' ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet, u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat il-verbali tal-24 ta' Settembru 2001 fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut bied iqabbad avukat tal-Ghajnuna Legali; tal-10 ta' Dicembru 2001; tal-5 ta' Frar 2002; u tas-17 ta' April 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-attrici b'terminu ta' erbghin gurnata.

Rat in-nota tal-attrici Susan Pace tas-27 ta' Mejju 2002 li biha pprezentat l-affidavit taghha.

Rat il-verbali tat-12 ta' Gunju 2002; tal-14 ta' Gunju 2002 fejn xehed il-konvenut, li mistoqsi mill-Qorti l-konvenut iddikjara li jaqla Lm120 kull hmistax. Il-konvenut obbliga ruhu li fi zmien gimgha jghaddi dokumenti relattivi dwar l-introjtu tieghu lid-difensur tieghu li min-naha tieghu ghandu jghaddihom lill-kontro-parti.

Rat il-verbal tal-24 ta' Gunju fejn id-difensuri u l-partijiet prezenti qablu li l-manteniment dovut ghat-tfal minuri u ghall-attrici ghandu jkun ta' Lm30 fix-xahar li jitnaqqsu lill-konvenut mill-paga tieghu minn kull fejn ikun l-impjieg tieghu u dan b'effett mill-1 ta' Lulju 2002 'il quddiem. (Gie stabbilit li bhalissa fil-fatt il-konvenut qed jahdem mas-socjeta' Vassallo Builders Group Ltd.) Il-partijiet talbu li tinghata sentenza a bazi ta' din it-tranzazzjoni. Il-kawza ghalhekk giet differita ghall-lum 27 ta' Gunju 2002 ghal sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, u abbazi tal-ftehim bejn il-partijiet milhuq seduta *stante* fl-24 ta' Gunju 2002, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddeciedi li l-konvenut ghandu jaghti manteniment kemm lil martu kif ukoll lill-ulied fis-somma miftehma bejn il-partijiet ta' tletin lira (Lm30) fix-xahar b'effett mill-1 ta' Lulju 2002.

2. Tordna li jinhareg manteniment xieraq kemm ghal martu kif ukoll ghal uliedu minorenni mill-istess konvenut fis-somma miftehma bejn il-partijiet ta' tletin lira Maltija (Lm30) fix-xahar b'effett mill-1 ta' Lulju 2002.

3. Tordna li dan ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut, prezentament ma' Vassallo Builders Group Limited, u fil-futur ma' min ikun qed jahdem il-konvenut, u tordna notifika ta' din is-sentenza lill-istess socjeta' Vassallo Builders Group Limited, a spejjez tal-konvenut.

L-ispejjez ta' din il-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**27 ta' Gunju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2002**